**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 293 / 16RGM

Kawza fil-lista: 25

**E R f'isimha proprio u f'isem bintha T A R u dan permezz ta' digriet datat 9 ta' Jannar 2017**
**vs**
**Z R;**
**O H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-2 ta' Jannar tas-sena 2011, l-attrici welldet tifla bl-isem ta' T A R, li ghadha minuri u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 104/2011.

2. Illi mill-atti tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici E R hija omm l-imsemmija minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom tal-missier', il-konvenut Z R gie registrat bhala missierha.

3. Illi r-rikorrenti E R u l-konvenut Z R izzewgu fil-15 ta' Dicembru tas-sena 1994.

4. Illi minkejja illi l-partijiet dejjem ghexu taht l-istess saqaf, partikolarment fiz-zmien tal-koncepiment tal-imsemmija minuri, din ma hix il-wild naturali tal-

konvenut Z R u dan stante illi fl-istess zmien tal-koncepiment ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut l-iehor O H.

5. Illi minn kopja tat-test xjentifiku tad-DNA, jirrizulta illi l-konvenut Z R ma huwiex il-missier naturali tal-minuri T A.

6. Illi r-rikorrenti u l-konvenut R bdew bil-process tas-separazzjoni. Stante illi l-minuri A ma hix il-wild naturali tal-konvenut Z R, dan tal-ahhar ma huwiex lest illi jhallas manteniment ghall-bzonnijiet taghha u ghalhekk is-separazzjoni taghhom ma tistax tigi konkluza qabel ma huwa jinheles mill-paternita' tal-imsemmija minuri.

7. Illi fil-perjodu relevanti meta giet koncepita l-minuri T A ir-rikorrenti kellha relazzjoni intima mal-konvenut l-iehor O H.

8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri gie dikjarat illi l-missier huwa l-konvenut Z R, fil-fatt il-minuri giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali lir-rikorrenti kellha mal-konvenut H.

9. Illi peress illi s-sitt (6) xhur sabiex tigi istitwita l-kawza skont l-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-minuri tigi registrat fuq il-konvenut O H skadew, gie ottenut digriet sabiex ir-rikorrenti tipprocedi b'kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikiara illi l-konvenut O H huwa l-missier naturali ta' T A u mhux il-konvenut l-iehor Z R.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri T A (Att numru 104/2011) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifla', jigi kancellat l-isem ‘Z R', u jigi sostitwit bl-isem O H; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument tal-identita, jigi jaqra 203579 (M); taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra 32; taht il-kolonna twieled tigi taqra Pieta'; taht il-kolonna residenza jigi jaqra Isla, Malta; u taht il-kolonna isem u kunjom il-missier u jekk hux hajjew mejjet jigi jaqra haj.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Z Zammiipprezentata fl-1 ta' Frar 2017.

Rat li l-konvenut O H debitament notifikat baqa' kontumaci.

Rat it-test tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar (fol. 27) li jiccertifika illi l-konvenut O H huwa l-missier naturali tal-minuri T A R.

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2017.

Ikkonsidrat illi una volta gie xjentifikament stabbilit illi l-konvenut O H huwa l-missier naturali tal-minuri, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ikkonsidrat illi fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji, inkluz l-ispejjez tat-test tad-DNA ghandhom jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut H.

Decide.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut H.

**Imhallef** **Deputat Registratur**